# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 27 ta` Frar 2020**

**Kawza Nru. 4**
**Rikors Nru. 535/2016 JZM**

**Joseph Galea (K.I. 297755M) u martu Rita Galea (K.I. 210856M), kredituri konjugi Galea**

***kontra***

**1. Herman Mizzi (K.I. 343978M) u ghal kwalsiasi interess fil-ligi jew li jista` jkollha martu Daniela Mizzi (K.I. 518483M)**

**2. John Mizzi (K.I. 246090M) hu Herman Mizzi (K.I. 343978M)**

**Il-Qorti :**

## I. **<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>5 ta` Lulju 2016</u> **<u>bil-procedura sommarja specjali</u>** li jaqra hekk: –

## *I. <u>PREMESSI</u>*

*1. Premess illi din il-Kawza qieghda inizzjalment issir a bazi ta` artikolu 167 sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 12 (Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili) tal-Ligijiet ta` Malta peress li l-Kawza odjerna tappartjeni Kawzi ta` kompetenza tal-Qrati Superjuri u t-Talba hija biss ghall-hlas ta` dejn cert, likwidu u li ghalaq, u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta` fatt.*

*2. Premess illi r-Rikorrenti Konjugi Atturi GALEA qeghdin jitolbu wkoll f` dan ir-Rikors Guramentat taghhom li dan jigi deciz skont it-talba taghhom bid-dispensa tas-smigh tal-Kawza, izda ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt qeghdin jindikaw ukoll it-Twissija Skont il-Ligi lill-Intimati Konvenuti waqt li jaghmlu referenza mill-ewwel ghall-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*3. Premess illi r-Rikorrenti Atturi Konjugi Kredituri GALEA qeghdin jiddikjaraw fid-Dikjarazzjoni taghhom, li qieghda ssir a bazi tal-Artikolu 156(3) tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghdin jiddikjaraw li sa fejn jafu huma l-Konvenuti Debituri Intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x` jaghtu kontra t-talbiet taghhom aktar `l isfel f` din il-Kawza.*

*4. Premess illi r-Rikorrenti Atturi Konjugi Kredituri GALEA qeghdin ukoll jipprezentaw Affidavit mahluf minnhom stess nhar it-12*

*ta` Gunju 2016, kemm minn Galea Joseph : Id number 297755M u minn Galea Rita : Id number 210856M, Affidavit ta` tnejn u ghoxrin faccata u tmienja u sebghin paragrafu indikat bhala Dokument JGRGI, f` liema Affidavit hemm fatti li ghandhom x` jaqsmu mat-Talbiet Attrici, u li jikkonfermaw li l-Intimati Konvenuti jkunu jafu b`dawk il-fatti personalment, anzi dokumentati mill-istess Intimati Konvenuti Debituri personalment.*

*5. Premess illi dan ir-Rikors Guramentat a bazi tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, dan ir-Rikors Guramentat qed isir bil-miktub, skont il-formola stabbilita u fih hemm l-ordni lill-Intimati / Konvenuti / Debituri biex jidhru quddiem il-Qorti fil-jum u fil-hin li jigu moghtija.*

*6. Premess illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 156 sub-artikolu (1), subinciz (a), sub-inciz (b), u sub-inciz (c) kif ukoll is-sub-artikolu (2) u (3) tal-istess Artikolu 156 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, u tal-Artikolu 159 jghoddu ghal dan ir-Rikors Guramentat.*

*7. Premess illi mar-Rikors Guramentat odjern qeghdin jigu nnotifikati lill-lntimati / Konvenuti / Debituri l-kopji u d-Dikjarazzjoni u kull Dikjarazzjoni mahlufa kif hawn qed jigi ndikat u n-Nota tad-Dokumenti migjubin flimkien mar-Rikors Guramentat.*

*8. Premess illi ssir referenza ghall-Artikolu 169 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta fejn f`kazijiet bhar-Rikors Guramentat odjern, qed jintalab li r-Rikors Guramentat odjern ghandu jigi notifikat lill-lntimati Konvenuti / Debituri minghajr dewmien; u huma ghandhom jigu mharrka biex jidhru mhux aktar kmieni minn hmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum minn notifika ta` dan ir-Rikors Guramentat odjern.*

*9. Premess illi ssir referenza ghall-Artikolu 169 fl-intier tieghu tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta dwar id-diskrezzjonijiet li ghandha*

*fic-cirkostanzi l-Onorabbli Qorti u ssir referenza wkoll ghall-Artikolu 169A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*10. Premess illi ssir referenza wkoll ghall-Artikolu 170 sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u anka ghas-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu 170 tal-Kapiiolu 12 u fic-cirkostanzi ghas-sub-artikolu (3) u ghas-sub-artikolu (4) tal-istess Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*11. Premess illi fl-inkwadratura tal-Premessi li ghadhom kif ipprecedew dan il-Premess immedjat, qieghda ssir referenza ghall-lstqarrija Guramentata tar-Rikorrenti Kredituri Konjugi GALEA, Stqarrija Guramentata fir-rigward u fil-konfront tal-lntimati Konvenuti Debituri MIZZI, Stqarrija Guramentata ta` tnejn u ghoxrin faccata u tmienja u sebghin paragrafu u fejn m`hu qed jithalla ebda dubju li l-lntimati Konvenuti Debituri jafu li ghandhom jaghtu lir-Rikorrenti Atturi c-cifra ta` mitejn u sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,216), u dan apparti mill-imghaxijiet li qeghdin jibqghu jakkumulaw u mill-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji li dejjem qeghdin jizdiedu inkluz dawk ta` Atti Gudizzjarji direttament u/jew indirettament marbuta ma` din it-Talba ghal mitejn u sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,216) kif qed jigu mfissra u dokumentati b` Referenzi anka a bazi tal-lstqarrija Guramentata, Dokument JGRG bi tmienja u sebghin paragrafu kif indikati f`dawn l-istess tnejn u ghoxrin faccata u mahlufa f` Gunju tas-sena 2016 a bazi tad-data indikata fl-istess Stqarrija Guramentata.*

*12. Premess illi qieghda ssir referenza ghad-Dokument JGRG2 li huwa datat hdax (11) ta` Mejju tal-2016, Dokument in Atti Nutar Dr Patrick Critien, maghmul bejn ir-Rikorrenti Atturi, Kredituri Konjugi li jaghmlu referenza ghall-hlasijiet ta` diversi ammonti sostanzjali dovuti mill-Konvenuti Intimati Debituri, fejn permezz ta` dan id-Dokument insinwat bin-Numru Referenzjali 9505/2016, tali ammonti gew irregistrati fir-Registru Pubbliku ta` Malta ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, liema Dokument JGRG2 huwa imlahham b`kopja ta` Mandat ta` Sekwestru li kien gie akkordat fis-26 ta` Marzu, 2015, Referenza 503/15, akkordat mill-Onorevoli Mhallef Lorraine Schembri Orland,*

*debitament notifikat lil diversi Awtoritajiet Kompetenti; ghal Ittra Ufficjali mibghuta lill-Konvenuti nhar il-11 ta` Frar 2015 u ghal Att Pubbliku in Atti Nutar Dr Sandra Bugeja ta` nhar il- hamsa (5) ta` Gunju, tas-sena elfejn u tmienja (2008), Att Numru 108; rixessjoni u kostituzzjoni ta` debitu, 1.8908/2008, vera kopja tal-original u anka ghal taxxa ufficjali ta` drittijiet u spejjez tal-lttra Ufficjali Esekuttiva Numru : 533/15 fl-ismijiet Joseph Galea vs Herman Mizzi et skont l-artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 u skont Skeda A Tariffa B numru : 1, u Tariffa E numru : 6 tal-Kapitolu 12, u dan ghal kull effett u fini tal-Ligi (Taxxa datata 25 ta` Marzu 2015), kif ukoll ghal Taxxa Ufficjali ghal drittijiet u spejjez ta` Mandat ta` Sekwestru Numru : 503/15 hawn indikat.*

*13. Premess illi d-Dokument JGRG2 indikat fil-Premessi immedjatament precedenti din il-Premessa partikolari, hemm ukoll Komunikazzjoni minn Transport Malta tas-27 ta` Marzu 2015 ghall-istess Mandat ta` Sekwestru Numru 503/15 u kwindi d-Dokument JGRG2 huwa fih innifsu komputazzjoni awtentikata hajja tal-ammonti li l-Konvenuti Intimati ghandhom jaghtu lir-Rikorrenti Atturi P dan ir-Rikors Guramentat odjern.*

*14. Premess illi ssir referenza ghal darb` ohra ghall-fatt li Herman Mizzi zzewweg lil Daniela llum Mizzi li ghandha n-numru tal-Karta tal-ldentita` 518483M u l-konsorta DANIELA MIZZI : Id number 518483M qieghda tigi ndikata bhala Konvenuta Intimata ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha skont il-ligi bhala l-mara ta` Herman Mizzi u ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt, imma xorta wahda jfisser li Daniela Mizzi : Id number 518483M mart Herman Mizzi, ghandha tkun inkluza mal-Konvenuti Debituri Intimati f` din il-Kawza.*

*15. Premess illi ssir referenza ghall-Elenku ta` Dokumenti mehmuzin ma` dan ir-Rikors Guramentat skont il-ligi u anka a bazi ta` dak li gie ndikat mill-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, Dokument JGRG3 li jindika diversi Komunikazzjonijiet kemm bhala Atti Gudizzjarji, kif ukoll bhala Ittri Interpellatorji mibghuta mill- Avukat Dr Dorienne Vella nhar it-30 ta` Dicembru 2014 lill-Konvenuti Intimati Debituri, mill-Avukat Dr Joseph Brincat, mill-avukati Jose` Herrera*

*(illum il-Ministru Herrera) u l-avukat Veronique Dalli, u mill-avukat Owen Bonnici (illum il-Ministru Bonnici), u dawn f` dati differenti bhat-18 ta` Novembru 2008, 6 ta` Novembru 2008, fis-sena 2010, u fis-sena 2014, Dokumenti li jindikaw li tul numru ta` snin il-Konvenuti Intimati Debituri dejjem kienu jafu li kellhom jaghtu dawn l-ammonti u li dawn l-ammonti kienu qeghdin dejjem jawmentaw minhabba imghaxijiet li kienu qeghdin jakkumulaw u spejjez li kienu qeghdin isiru relatati ma` hidma gudizzjarja li kienet qieghda ssir, u minkejja dawn it-twissijiet kollha l- Konvenuti Intimati Debituri dejjem baqghu inadempjenti, anka minkejja diversi Sentenzi kontra taghhom mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qrati ta` Gudikatura Kriminali ppresjeduti minn diversi Magistrati bhal Magistrat Dr Saviour Demicoli, il-Magistrat Dr Audrey Demicoli, il-Magistrat Antonio Mizzi illum l-Imhallef Mizzi, il-Magistrat Dr Miriam Hayman illum l-lmhallef Miriam Hayman, u l-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona, kif ukoll il-Magistrat Dr Consuelo Pilar Scerri Herrera : dawn huma Dokumentazzjonijiet li ma jhallu ebda dubju anka a bazi tal-kotenut tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, l-artikoli indikati li l-Konvenuti Intimati Debituri kienu jafu b`dawn l-ammonti ezistenti fil-konfront taghhom, u allura li ma ghandhom ebda raguni legalment fondata li jistghu jinnegaw li dawn l-ammonti ma humiex dejn cert, likwidu u li ghalaq, li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta` fatt u dan skont kif diga` indikat fil-Premessi precedenti a bazi ta` Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta et sequitur.*

*16. Premess illi ssir referenza issa ghal Dokument JGRG4 fejn naraw ukoll kopji ta` Atti Gudizzjarji ffirmati mill-avukat Dr Dorienne Vella fis-26 ta` Mejju 2015, min-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech fl-1 ta` Dicembru tas-sena 2008 u fis-16 ta` Marzu tas-sena 2009, kif ukoll Ittra Gudizzjarja ohra fis-26 ta` Mejju tas-sena 2015 iffirmata mill-avukat Dr Dorienne Vella u fil-11 ta` Frar tas-sena 2015, Att Pubbliku ffirmat min-Nutar Dr Sandra Bugeja fil-5 ta` Gunju tas-sena 2008, u Dokumenti ohra bhal Ittra Ufficjali bir-Referenza 233/15 tal-21 ta` Jannar 2015, u Ittra Ufficjali bin-Numru Referenzjali 235/15 tal-21 ta` Jannar 2015, Atti Gudizzjarji kollha debitament notifikati lill-Konvenuti Mizzi, u Kuntratt ta` Kostituzzjoni ta` Debitu fl-1 ta` Dicembru tas-sena 2008 min-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech u Rixessjoni u Kostituzzjoni ta` Debitu fil-5 ta` Gunju tas-sena 2008 in Atti Nutar Dr Sandra Bugeja, Kostituzzjoni ta` Debitu ohra fis-16 ta`*

*Marzu tas-sena 2009 : dawn diversi Dokumenti li qed jigu ndikati f`dawn il-Premessi li proprju ma jhallu ebda dubju li l-Konvenuti Intimati Debituri kollha kienu jafu sew b`dawn il-fatti personalment anka kif indikat fl-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*17. Premess illi dawn il-Premessi kollha li qed jigu sottomessi kollha jikkonfermaw li kumulattivament l-ammont dovut mill-lntimati Konvenuti Debituri jammonta ghac-cifra hawn fuq indikata u dokumentata ta` mitejn u sebgha u erbghin elf u mitejn u sittax-il ewro (€247,216) oltre l-imghaxijiet li dejjem qeghdin jakkumulaw, kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji, anka abbinati ma` kwalsiasi Att Gudizzjarju, direttament u / jew indirettament marbutin ma` dawn it-Talbiet tar-Rikorrenti Atturi, f` din il-Kawza li qieghda tigi ntavolata bid-dispensa tas-smigh tal-Kawza u fejn qed jigi dikjarat u konfermat bil-gurament li sa fejn jafu huma r-Rikorrenti Atturi l-Konvenuti Intimati Debituri ma ghandhomx Eccezzjonijiet x` jaghtu kontra dawn it-Talbiet tal-istess Rikorrenti Atturi Kredituri Konjugi GALEA, Joseph u Rita.*

*18. Premess illi ricentement ir-Rikorrenti Atturi Kredituri Konjugi Galea baghtu lill-lntimati Konvenuti Debituri kif indikati fl-okkju ta` din il-Kawza "bil-Giljottina" biex jersqu halli jhallsu dan l-ammont mitlub minnhom, Komunikazzjoni li saret permezz ta` Ittra Ufficjali notifikata lil diversi Awtoritajiet Kompetenti ohra, liema Ittra Ufficjali giet debitament notifikata skont kif jindika d-Dokument JGRG5, u nonostante dan kollu l-istess Konvenuti Intimati Debituri baqghu inadempjenti u lanqas biss wiegbu ghal din l-ahhar Ittra Ufficjali ghad illi l-lntimata Daniela Mizzi baghtet Komunikazzjoni fejn tghid li hija ma ghandha x` taqsam xejn ma` dawn l-ammonti, tezi li kif tghallimna mill-gurisprudenza u mil-ligi ma ghandha l-ebda bazi la fil-fatt u lanqas fid-dritt, jekk l-imsemmija Daniela Mizzi ma jirnexxilhiex tipprova mod iehor u dan skont il-ligi issa li hija mara mizzewga lil Herman Mizzi, wiehed mill-Konvenuti Intimati Debituri ahwa Mizzi.*

*19. Premess dan kollu, jghidu l- Konvenuti Debituri Intimati ghala din il-wisq Onorabbli Qorti ma ghandhiex tikkonferma, tidderiegi, tiddeciedi, tiddikjara u tordna illi : -*

## ***II. TALBIET TAR-RIKORRENTI ATTURI KONJUGI GALEA***

*a) Fl-ewwel lok dawn il-proceduri jitmexxew sommarjament a bazi ta` Artikolu 167 sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta billi d-dejn indikat huwa Cert, likwidu u li ghalaq, u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt : dejjem a bazi tas-sub-inciz (a) tas-sub-artikolu (l) tal-Artiolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*b) Li dawn il-proceduri odjerni jitmexxew kif imfassla fl-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u fejn ir-Rikorrenti Atturi Konjugi Kredituri Galea qeghdin jitolbu li dan il-Kaz jigi deciz skont it-Talbiet taghhom, bid-dispensa tas-smigh tal-Kawza, u hawnhekk ir-Rikorrenti Atturi qeghdin jaghmlu referenza ghad-Dikjarazzjonijiet taghhom u ghall-lstqarrija Guramentata wkoll taghhom indikata bhala Dokument JGRGI, hawn mehmuza mal-Elenku ta` Dokumenti;*

*c) A bazi ta` sub-artikolu (1) tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti ghandha tiddikjara li l-hlas ta` dejn huwa cert, likwidu u li ghalaq, illi ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt, li sa fejn jafu r-Rikorrenti Atturi a bazi tal-Artikolu 156 sub-artikolu (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, huma qeghdin jiddikjaraw li l-Konvenuti `Intimati Kredituri ma ghandhomx Eccezzjonijiet x` jaghtu kontra t-Talbiet tar-Rikorrenti Atturi u anka li l-istess Rikorrenti Atturi pprezentaw Stqarrija Guramentata li fiha hemm il-fatti li ghandhom x` jaqsmu mat-Talbiet odjerni u li anka qed jikkonfermaw li l-lntimati Konvenuti Debituri jafu b`dawk il-fatti personalment billi anka gew notifikati b` Atti Gudizzjarji;*

*d) Din il-Qorti ghandha tikkonferma li s-sub artikolu (2) tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 gew onorati da parti tar-Rikorrenti Atturi inkluz l-ordni li l-Konvenuti Intimati Debituri ghandhom jidhru quddiem il-Qorti fil-jum u fil-hin li jigu mghotija mill-istess Onorabbli Qorti;*

*e) Issir referenza ghas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll ghall-Artikou 168 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta li din l-Onorabbli Qorti odjerna kif ippresjeduta tikkonferma li gew segwiti mir-Rikorrenti Atturi Kredituri konjugi Galea;*

*f) Ikun konfermat illi l-Artikoli 169 u 169A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta wkoll gew segwiti f` din il-Procedura odjerna;*

*g) Ikun applikat l-Artikolu 170 sub artikolu (1) u jekk ikun il-kaz sub artikolu (2) kif ukoll sub artikolu (3) u anka sub artikolu (4) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*h) Fil-parametri ta` dawn it-Talbiet kif hawn fuq suesposti, din il-Qorti ghandha tikkonferma l-kontenut tal-lstqarrija Guramentata (Dokument JGRGI) tar-Rikorrenti Atturi, Stqarrija Guramentata ta` tnejn u ghoxrin pagna u tmienja u sebghin paragrafu debitament konfermata, u fejn jigi konfermat illi l-ammont dovut bhala hlas ta` dejn cert, likwidu u li ghalaq, li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt, jammonta b`kollox ghac-cifra ta` mitejn u sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,211), oltre l-imghaxijiet li nel frattemp qeghdin jawmentaw u jakkumula u l-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji inkluz dawk ta` Atti Gudizzjarji direttament u / jew indirettament marbuta mal-merl ta` din il-Kawza bi procedimenti sommarji specjali kif hawn qed jigi ndikat;*

*i) L-ammont ta` mitejn, sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€24,216) huma konfermati permezz ta` Dokumentazzjoni dettaljata anka koperti bid-Dokumenti hawn*

*mehmuza mal-Elenku ta` Dokumenti li dan huwa hlas ta` dejn dovut li huwa cert, likwidu u li ghalaq u li ma jikkonsistix fl- esekuzzjoni ta` fatt, u ghaldaqstant it-Talbiet tar-Rikorrenti Atturi Kredituri Konjugi GALEA ghandhom jigu milqugha bl-ispejjez kollha kontra l-Konvenuti Intimati kif indikati fl-okkju ta` din il-Kawza u a bazi ta` dak li gie indikat fil-korp fl-intier tieghu ta` dan ir-Rikors Guramentat odjern;*

*j) Issir referenza ghad-Dokumenti kollha esebiti ma` dan ir-Rikors Guramentat odjern, fit-Taqsima IV ta` dan ir-Rikors Guramentat, bil-prefiss JGRG umbaghad in-numru li jsegwi skont it-tifsira fl-Elenku ta` Dokumenti, u li jigi kkonfermat li dawn id-Dokumenti ghandhom jitqiesu bhala parti integrali minn dan ir-Rikors Guramentat odjern ghal dak li huwa prova dokumentata, awtentikata u li ma thalli ebda dubju li l-ammont indikat ta` mitejn sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,216) huwa dovut lir-Rikorrenti Atturi bhala hlas ta` dejn cert, likwidu u li ghalaq u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta` fatt;*

*k) Fic-cirkostanzi r-Rikorrenti Atturi ma ghandhom ibatu ebda forma ta` spejjez, la gudizzjarji u lanqas extra eudizzjarji, la dawk direttament konnessi ma` din il-Kawza u lanqas ma` dawk indirettament konnessi mal-istess, u dan minhabba d-diversi drabi li l-istess Rikorrenti Atturi taw l-opportunita` lill-Intimati Konvenuti Kredituri MIZZI biex jirregolaw il-pozizzjoni taghhom ghal dan il-hlas ta` dejn fir-rigward tar-Rikorrenti Atturi Kredituri Konjugi GALEA;*

*l) Fl-eventwalita` li l-Konvenuti Intimati Debituri MIZZI jibqghu kontumacja, allura din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tuza s-setghat taghha u anka tahtar Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-istess Kontumaci a bazi ta` Artikolu 170 sub artikolu (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan biex ma jinheliex aktar Zmien fir-rigward tar-Rikorrenti Atturi biex ikunu jistghu formalment jirregistraw dan id-debitu dovut lilhom bhala kredituri halli jkunu jistghu jirregistraw anka bhala ipoteka generali u privilege specjali skont il-ligi biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom u ta` dawk li jistghu jigu bhala eredi taghhom skont il-fatti u a bazi tal-Ligi;*

*20. Tant ghandhom umilment x` jissottomettu r-Rikorrenti Atturi Krudituri Konjugi GALEA ghas-savju gudizzju ta` din il-wisq Onorabbli Qorti u jirreferu hawn ghad-Dikjarazzjoni Guramentata taghhom indikata bhala Dokument JGRG fejn jikkonfermaw li dovut lilhom hija s-somma indikata ta` mitejn, sebgha u erbghin elf, mitejn u sittax-il ewro (€247,216) u dan oltre l-imghaxijiet li qed jakkumulaw, u l-ispejjez kollha, direttament u / jew indirettament konnessi mal-mertu ta` din il-Kawza li nel frattemp qeghdin jakkumulaw.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta` Settembru 2016, wara li rat li l-konvenuti kellhom *prima facie* eccezzjonijiet x`jaghtu u li bihom jikkontestaw l-azzjoni attrici, tathom zmien ghoxrin jum minn dakinhar sabiex jipprezentaw risposta guramentata. Fl-istess udjenza, ordnat l-inverzjoni tal-provi bil-konvenuti jressqu l-provi taghhom l-ewwel, u wara li dawn jikkonkludu, jibdew iressqu l-provi taghhom ir-rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Novembru 2016 fejn kien accertat li l-intimata Daniela Mizzi kienet kontumaci.

Rat id-digriet li tat fit-28 ta` Frar 2017 fejn wara li kien dikjarat illi l-konvenuti Herman Mizzi u John Mizzi ma kinux kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi akkordatilhom ghaxart ijiem zmien sabiex jipprezentaw risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut John Mizzi fit-<u>3 ta` Marzu 2017</u> li taqra hekk :-

*1. Preliminarjament illi l-azzjoni kkontemplata mill-attur hija bbazata fuq kawza illecita u cioe hija frott l-uzura u tikser il-provvedimenti tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Kodici Kriminali u*

*senjatament it-termini tal-artikoli 298C et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghalhekk din il-Qorti ghandha titfaghha `l barra a bazi tal-principju "he who comes to justice must come with his hands clear" u billi tikser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 966(d) tal-Kodici Civili.*

*2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll illi l-azzjoni kkontemplata hija wkoll illecita billi bbazata fuq att kriminuz billi persuna minghajr illicenza opportuna ma tistax tislef il-flus kif ftahar li ghamel b`mod regolari r-rikorrenti meta jghid illi huwa kien jislef il-flus b`mod regolari u ironikament irregolari. Hawn ukoll l-azzjoni kkontemplata ghandha mill-illecitu billi tikser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 966(d) tal-Kodici Civili.*

*3. Illi Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u fil-mertu ghandu jigi rilevat illi l-esponenti fil-fatt qatt ma ssellef ebda ammont minghand l-attur;*

*4. Illi l-ammont mitlub qieghed jigi ikkontestat stante li meta gew iffirmatti l-kuntratti il-konvenuti kienu kostretti jiffirmawhom taht duress ghax l-attur ha vantagg mic-cirkustanzi finanzjarja hazina li sab ruhu fihom hu l-esponenti, billi uza thedid morali u nizzel l-ammont li dehrlu hu;*

*5. Illi l-fatt illi saru segwenti tliet kuntratti fiz-zmien ta` biss disa` xhur gia hija indikazzjoni cara illl dawn l-ammonti fil-fatt kienu ferm ezagerati:*

*a. L-ewwel kien hemm kostituzzjoni ta` debitu fl-ammont ta` €75,000 datat hamsa ta` Gunju ta` sena elfejn u tmienja (5/06/08),*

*b. wara biss hames xhur l-esponenti gie interpellat permess ta` ittra legali datat sitta ta` Novembru elfejn u tmienja (6/11/08) sabiex ihallas l-ammont ta` €115,194.62;*

*c. f` inqas minn xahar wara fl-ewwel ta` Dicembru tal-elfejn u tmienja (1/12/2008) rega` gie ffirmat kostituzzjoni ta` debitu iehor*

*fl-ammont ta` €20,000 li jaghmel referenza ghal flus li inghataw fis-sbatax ta` Gunju tas-sena elfejn u tmienja (171/06/08) proprju tnax-il gurnata wara l-ewwel kostituzzjoni ta` debitu;*

*d. f`inqas minn erba` xhur wara, fis-sittax ta` Marzu tal-elfejn u disgha (16/03/09) gie iffirmat it-tielet kostituzzjoni ta` debitu fl-ammont ta` €58,600;*

*6. Illi l-ammont mitlub qieghed jigi ikkontestat stante illi huwa ferm ezagerat ghax bhala fatt hu l-esponenti kien silef ammont ferm anqas minn ghand l-attur u kienu wkoll saru xi pagamenti allura johrog car li l-kuntratti ma jiriflettux fir-realta` l-ammont li kien dovut;*

*Ghaldaqstant it-talbiet atturi ghandhom jigi kollha michuda bl-ispejjez kontra l-atturi*.

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata ma` din ir-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut Herman Mizzi fit-<u>3 ta` Marzu 2017</u> li taqra hekk :-

*1. Illi in linea preliminari l-azzjoni kkontemplata mill-attur hija bbazata fuq causa illecita u cioe` hija frott l-uzura u tikser il-provvedimenti tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Kodici Kriminali u senjatament it-termini tat-artikoli 298C et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk din il-Qorti ghandha titfaghha `l barra a bazi tal-principju "he who comes to justice must come with his hands clear" u billi tikser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 966(d) tal-Kodici Civili;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll illi l-azzjoni kkontemplata hija wkoll illecita billi bbazata fuq att kriminuz billi persuna minghajr illicenza opportuna ma tistax tislef il-flus kif ftahar li ghamel b`mod regolari r-rikorrenti meta*

*jghid illi huwa kien jislef il-flus b`mod regolari u ironikament irregolari. Hawn ukoll l-azzjoni kkontemplata ghandha mill-illecitu billi tikser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 966(d) tal-Kodici Civili.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u fil-mertu ghandu jigi rilevat illi l-ammont mitlub u pretiz qed jigi ikkontestat peress li huwa ferm esagerat u hafna inqas mill-ammont li fil-fatt l-esponent kien ircieva minghand l-attur u wkoll kienu wkoll saru xi pagamenti allura l-kuntratti ma jirriflettux fir-realta` l-ammont li kien dovut u qed ghaldaqstant dawn il-kuntratti jigu ikkontestati fuq zball ta` fatt;*

*4. Illi, minkejja l-fatt li kienu gew iffirmati kuntratti bejn il-kontendenti, dawn il-kuntratti qed jigu ikkontestati stante li meta gew iffirmatti l-kuntratti l-konvenuti kienu kostretti jiffirmawhom, taht duress, ghax l-attur ha vantagg mic-cirkustanzi finanzjarja hazina li sab ruhu fihom il-konvenut, uza thedid morali u nizzel l-ammont li deherlu u li kien esegerat.*

*5. Illi indikazzjoni cara tas-suespost huwa, li l-fatt, li l-fatt li saru s-segwenti tliet kuntratti fiz-zmien qasir ta` biss disa` xhur:*

*i) Kostituzzjoni ta` debitu datat 5 ta` Gunju 2008 fl-ammont ta` €75,000 u wara biss hames, u cioe` fis-6 ta` Novembru 2008, l-esponenti gie interpellat permess ta` ittra legali sabiex ihallas l-ammont ta` €115,194.62;*

*ii) Kostituzzjoni ta` debitu, datat l-1 ta` Dicembru 2008, pero` jaghmel referenza ghal flus li nghataw fis-17 ta` Gunju 2008 (gimaghtejn biss wara l-ewwel kuntratt) fl-ammont ta` €20,000;*

*iii) Kostituzzjoni ta` debitu, 16 ta` Marzu 2009 (inqas minn 4 xhur wara) fl-ammont ta` €58,600;*

*Ghaldaqstant it-talbiet atturi ghandhom jigi kollha michuda bl-ispejjes kontra l-atturi.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata ma` din ir-risposta guramentata.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Kuntratti

### 1. Kuntratt : 15 ta` April 2008

Bis-sahha ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu tal-15 ta` April 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja, il-konvenut Herman Mizzi kkostitwixxa ruhu bhala debitur ta` l-attur Joseph Galea fl-ammont ta` €65,000 u ntrabat illi jhallas dik is-somma sal-ahhar ta` April 2008 minghajr imghax. Il-kuntratt kien jahseb ghal li kellu jiddekorri imghax ta` 8% fis-sena fil-kaz ta` morozita` dekorribbli mill-ahhar ta` April 2008.

### 2. Kuntratt : 5 ta` Gunju 2008

Bis-sahha ta` kuntratt ta` rexxissjoni u ta` kostituzzjoni ta` debitu tal-5 ta` Gunju 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja, kien rexxiss l-att fuq riferit tal-15 ta` April 2008 ghax l-attur u l-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi kienu ddikjaraw illi l-pendenzi ta` bejniethom kienu sodisfatti ghas-saldu. Imbaghad bl-istess kuntratt tal-5 ta` Gunju 2008, il-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi kkostitwew ruhhom debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta` €75,000 rapprezentanti flus li r-rikorrenti kien diga` silef lill-intimati. L-ahwa Mizzi obbligaw ruhhom li jhallsu dik is-somma fl-intier taghha fi zmien ghaxar snin mid-data tal-att, bl-imghax bir-rata ta` 8% fis-sena a skaletta, permezz ta` pagamenti mensili, pagabbli kull l-ahhar tax-xahar, bl-ewwel pagament isir fl-ahhar ta` Gunju 2008. Kien maqbul wkoll illi fil-kaz ta` morozita ta` mqar pagamanet wiehed, il-bilanc rimanenti kellu jkun dovut ghall-hlas fil-pront.

## 3. <u>Kuntratt : 1 ta` Dicembru 2008</u>

Bis-sahha ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu tal-1 ta` Dicembru 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, il-konvenut Herman Mizzi kkonstitwixxa ruhu debitur ta` l-attur fl-ammont ta` €20,000 mislufa lilu *brevi manu* fis-17 ta` Gunju u restitwibbli flimkien ma` interessi bir-rata ta` 8% fis-sena dekorribbli mis-17 ta` Gunju 2008 permezz ta` pagamenti mensili fl-ammont ta` €1,100.

## 4. <u>Kuntratt : 16 ta` Marzu 2009</u>

Bis-sahha ta` kuntratt iehor ta` kostituzzjoni ta` debitu tas-16 ta` Marzu 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, il-konvenuti Herman Mizzi u John Mizzi kkonstitwew ruhhom debituri ta` l-attur fis-somma ta` €58,600 mislufa lilhom brevi manu, restitwibbli flimkien ma` interessi bir-rata ta` 8% fis-sena dekorribbli mis-16 ta` Marzu 2009 permezz ta` pagamenti mensili fl-ammont ta` €1,000, flimkien mal-pagament tal-interessi a skaletta.

## III. Segwitu

Billi jidher li l-konvenuti Mizzi kienu baqghu moruzi fil-pagamenti, il-kuntratt tal-5 ta` Gunju 2008 kien rez ezegwibbli a tenur tal-Art 256 tal-Kap 12. B`ittra ufficjali tal-11 ta` Frar 2015 ir-rikorrenti talbu l-hlas tas-somma fl-intier taghha inkluz l-imghax legali u spejjez. Wara dan l-atturi talbu l-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Nru. 503/2015 LSO fl-ammont ta` €75,000 (sorte) €40,795.89 (imghaxijiet) u €944.46 (spejjez). Il-Mandat hareg fis-26 ta` Marzu 2015.

Minhabba morozita` fil-pagamenti skont kif pattwit fuq l-att tal-1 ta` Dicembru 2008, il-konvenut Herman Mizzi kien interpellat b`ittra ufficjali tas-26 ta` Mejju 2015 sabiex minnufih ihallas is-somma mislufa fl-intier taghha inkluz l-imghax.

B`ittra ufficjali tas-26 ta` Mejju 2015 il-konvenuti ahwa Mizzi kienu interpellati sabiex ihallsu l-ammont lilhom misluf a tenur tal-att tas-16 ta` Marzu 2009 flimkien mal-imghax dovut.

Fil-11 ta` Mejju 2016 kien transutat fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien il-Mandat ta` Sekwestru mahrug minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet *Joseph Galea vs Herman Mizzi u John Mizzi*, (503/2015 LSO) ghal €75,000 bhala sorte, €40,795.89 bhala imghax, u €944.46 bhala spejjez.

## IV. Proceduri kriminali

Wara kwerela li pprezenta l-attur fil-31 ta` Mejju 2010, il-konvenuti ahwa Mizzi tressqu l-qorti akkuzati talli :-

> *"Bejn Jannar, 2007 u Dicembru, 2009, f`dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b`risoluzzjoni*

*wahda b`mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqdew b`qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b`ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza` dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe` ssomma ta` €153,600.00 ghad-dannu ta` Joseph Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 297755(M), ai terminu tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprijaw ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` s-somma ta` €153,600.00, ghad-dannu ta` Joseph Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 297755(M), ai termini tal-artikolu 293 talKodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta*;"

Fil-gabra tal-provi li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fis-sentenza taghha tat-2 ta` Dicembru 2014 jinghad illi :-

*"Nhar is-17 ta` Mejju 2010 l-istess imputat Herman Mizzi kien ukoll irrilaxxja stqarrija esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. MCF 4 (fol. 57). F`din l-istqarrija huwa jikkonferma li verament kien issellef is-somma ta` mija u tlieta u hamsin elf ewro (€153,000) minghand il-kwerelant u jghid li bihom huwa qassamhom u hallas lil min kellu jaghti fuq xiri ta` karozzi u affarijiet ohra. Jghid li huwa kien kiteb ittra lill-kwerlant u kien qallu li kellu hafna problemi finanzjarji u jghid li effettivament anke kien qallu lil min kellu jaghti. Mistoqsi jekk huh ukoll kienx issellef flus minghand il-kwerlant jghid li effettivament huh kien issellef is-somma ta` hames mitt ewro biss (€500) pero` kellu bzonnu ghall-kuntratt li ghamel mal-kwerelanti ghaliex kieku ma kienx isselfu daqshekk flus. B`hekk il-kwerelant kellu mohhu mistrieh li kien se jithallas*

*lura minn zewg min-nies flok wiehed. Jghid li pero` l-intenzjoni dejjem kienet li jhallsu lura kif del resto hija llum ukoll.*

*John Mizzi l-imputat l-iehor ma xehedx pero` kien irrilaxxja stqarrija nhar is-17 ta` Mejju 2010 li tinsab ezebita fl-atti u mmarkata bhala Dok MCF 5 esebita a fol. 60 tal-process. Ikkonferma li kienu silfu somma kbira minghand il-kwerelant pero` jghid li mhux ghalih ghaliex huwa ma kellux bzonn pero` huh Herman kien jaghtih hamsin ewro fil-gimgha (€50) kull nhar ta` Sibt meta kienu johorgu. B`kollox jghid li ha xi hames mitt ewro (€500). Jghid li huwa jaf lill-kwerelant ghaliex kien introducih huh u jghid li kienu jmorru ghandu fil-garaxx li kellu Hal Ghaxaq. Ikkonferma li huh vera kellu diversi djun u li kien ihallashom bil-flus li kien isellfu l-kwerelant. Mistoqsi jekk kellux problema ta` droga jghid li qatt ma kellu. Jghid ukoll li huh kien jigdiblu lill-kwerelant li daqqa kien ser jixtri post, li daqqa t-tfajla kellha bzonn operazzjoni u hekk u huwa stqarr illi kien ikoprilu. Jghid li meta huh issellef il-flus minghand ilkwerelant ma kienx jahdem u huwa kien jahdem bl-iscammel u kien jaqla` xi tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72) fil-gimgha. Jghid li verament il-kwerelant dejjem ipprova jifthilhom ghajnejhom. Jghid ukoll li ghalkemm il-flus ma ssellifhomx hu, huwa xorta lest li jaghmel pagament fix-xahar biex ihallsu lura.”*

Fid-decizjoni taghha, il-Qorti qalet hekk :-

*“Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-imputati sselfu diversi somom ta` flus fuq medda ta` zmien ghar-ragunijiet maghrufa minnhom. Illi dan ilfatt mhux kontestat minnhom tant li huma rrikonoxxew li ghandhom jaghtu somma flus konsiderevoli lill-kwerelant tant li marru mal-istess kwerelant u ikkanonizzaw dan id-debitu fi tlett kostituzzjonijiet ta` debitu. Jidher li fl-ewwel zewg kuntratti li saru quddiem in-nutar Ritienne Bugeja Fenech nhar l-1 ta` Dicembru 2008 u nhar is-16 ta` Marzu 2009 l-imputati kienu isselfu s-somma ta` ghoxrin elf ewro (€20,000) u*

*tmienja u hamsin elf u sitt mitt ewro (€ 58,600) minghand il-kwerelant u kienu obbligaw ruhhom li jhallsu lura dawn is-somom blinteressi tat-tmienja fil-mija. Jidher li fit-tielet kuntratt ta` kostituzzjoni li sar quddiem in-Nutar Sandra Bugeja nhar il-5 ta` Jannar 2008 limputati kienu sselfu s-somma ta` hamsa u sebghin elf ewro (€75,000) minghand il-kwerelant u kienu ntrabtu li jhallsu lura din l-istess somma bl-interessi ta` tmienja fil-mija fi zmien ghaxar snin, liema ghaxar snin bdew jiddekorru dakinhar tal-kuntratt u cioe` 5 ta` Jannar 2008 u ghalhekk tali terminu ghadu ghaddej u jiskadi fil-5 ta` Jannar 2018. F`dan l-ahhar kuntratt l-imputati kienu obbligaw ruhhom li jhallsu lura din l-istess somma mislufa ta` hamsa u sebghin elf ewro (€75,000) blimghax a skaletta u f`kaz li jonqsu li jhallsu pagament wiehed allura lbilanc restanti jkun kollu dovut (fol. 92).*

*Illi ghalhekk m`hemmx dubju li din il-materja hija kwistjoni civili. Ma jirrizultax li effettivament l-imputati kellhom l-intenzjoni li jiddefrodaw lill-kwerelant u dan ghaliex il-flejjes inghataw lill-imputati millkwerelant kwazi kwazi minn jeddu ghaliex kif jghid hu stess kien jitrattahom bhala uliedu. Ma jidhirx li l-imputati uzaw xi mise en scene sabiex l-kwerelant halla l-flus minn idejh. Tant hu hekk li kien hemm diversi somom li gew mislufa fuq medda ta` zmien u meta l-imputati gew mistoqsija sabiex jigbru d-debitu taghhom huma accettaw tant li iffirmaw il-kuntratti esebiti. Alla hares naslu fl-istat li kull min jaghmel ftehim civili u ma jonorahx jaghti lok ghal azzjoni kriminali ghaliex kieku l-Qorti Kriminali taghna jkunu inondati bil-kawzi iktar milli gja huma. M`hemmx dubju almenu kif jirrizulta mill-provi prodotti li l-imputati huma debituri tal-kwerelanti fis-somom imsemmija fil-kuntratti u ghalhekk illum jispetta lill-istess kwerelant sabiex ifittex lill-imputati civilment. Illi per sfortuna dan hu ftehim civili li ma giex onorat minn wiehed mill-partijiet u ghalhekk jispetta lill-Qorti Civili sabiex tippronunzja ruhha f`dan ir-rigward."*

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ddikjarat lill-konvenuti ahwa Mizzi mhux hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

## V. <u>Xiehda</u>

### 1. <u>L-attur</u>

### a) <u>L-ezami</u>

**<u>L-attur</u>** xehed illi l-ewwel inkontru ma` l-konvenut Herman Mizzi kien fl-2007 meta beda jahdem mieghu bhala *part-time salesman* fin-negozju li kellu. Dam mieghu sitt xhur u kien jithallas bil-*commission*. Gara li Herman Mizzi kien jigbor minghand il-klijenti izda ma kienx jaghtihomlu kollha. Kien izomm minnhom ghalih u jghidlu li se jroddhom sal-ahhar tal-gimgha. Meta Mizzi gie biex jitlaq mill-impieg ighid li talbu l-flus li kien zamm ghandu. Mizzi weghdu li kif jaqbad jahdem kien se jhallas kollox lura.

Skont l-attur, gara li Herman Mizzi beda jitlob aktar flus, ghal xi skuza jew ohra. Ighid li kien jithassar lill-ahwa Mizzi u kien jislifhom il-flus biex jghinhom u bil-hsieb li dawn xi darba jrabbu l-ghaqal.

Xehed illi s-self sar permezz ta` l-versament ta` diversi ammonti. Principalment is-self sar lil Herman Mizzi. Ghall-ammonti li silef lil Herman Mizzi kienet tithalla ricevuta li kien jikteb Mizzi stess, u jiffirmawha kemm hu kif ukoll l-istess Mizzi. Il-flus kien jghaddihom lil Mizzi jew in kontanti jew b`cheque. Hu kien izomm ir-ricevuti tal-flus li kien ighaddi lil Mizzi. Dan kien ighidlu li ma kellux bzonn ta` ricevuti.

Stqarr illi s-self sar fuq medda ta` tlett snin bejn l-2008 u l-2010/2011. Gieli kien jislef il-flus darba f`xahar u gieli anke darbtejn

jew tlieta fix-xahar. L-ahwa Mizzi kienu jghidulu li l-flus kellhom bzonnhom biex jibdew negozju jew ghal bzonnijiet ohra li kienu jinqalghu. Huwa dejjem ghenhom ghax lill-ahwa Mizzi kien ihobbhom qishom uliedu u xtaq jghinhom jigu fuq saqajhom.

Fisser li saru b`kollox tlett kuntratti fuq medda ta` ftit xhur minn xulxin : wiehed ghal €75,000, iehor ghal €20,000 u iehor ghal €58,000. Il-konvenuti ma kellhom l-ebda diffikulta jidhru fuq il-kuntratt u ffirmawhom minghajr problemi.

Qal illi l-ahwa Mizzi kienu ta` sikwit imorru jitolbuh il-flus fl-eluf. Hu ma kienx jaghtihom kemm kienu jridu. Billi kien ighaddilhom flus ta` sikwit, meta s-self kien jakkumula f`ammont sostanzjali, kien jesigi maghhom li jmorru ghand Nutar biex jigbru dik is-somma f`kuntratt wiehed. Ghand in-Nutar huwa kien jiehu mieghu il-karti kollha li jkunu ffirmaw fuq kull somma li tkun giet mislufa. L-ahwa Mizzi dejjem weghduh li jhallsu lura l-ammonti kollha mislufa, izda baqghu ma hallsu xejn. Minkejja li ma kienux qed ihallsu, xorta baqa` jisilfhom ammonti konsiderevoli.

Fisser illi l-ammont li qed jitlob fil-kawza odjerna jikkomprendi l-ammonti mertu tat-tlett kuntratti separati, l-interessi fuq l-ammonti fuq medda ta` ghaxar snin, u l-ispejjez legali kollha minnu nkorsi.

Dwar il-proceduri legali xehed illi dawn bdew wara li Herman Mizzi baghat ittra fejn talbu jahfirlu ghall-gideb kollha li kien qallu matul iz-zmien u li ma kellux minn fejn ihallsu lura. Kien qed jirreferi ghall-kawza kriminali.

Xehed illi l-konvenuti qatt ma ghamlu kawzi biex jannullaw l-kuntratti li kienu ffirmaw mieghu.

**b) <u>Il-kontroezami</u>**

L-attur xehed illi l-ammonti dovuti qatt ma kienu kontestati mill-konvenuti. Marru ghand in-Nutar minn rajhom.

Xehed illi fil-5 ta` Gunju 2008 saret kostituzzjoni ta` debitu fl-ammont ta` €75,000. Imbaghad tnax (12)-il jum wara sar kuntratt iehor ghall-ammont ta` €20,000. Sitt (6) xhur wara sar kuntratt iehor ghal €58,000. Dawn il-figuri kien il-kapital misluf. Ebda hlas ta` imghax ma kien inkluz f`dawk il-figuri. L-imghax beda ghaddej mid-data tal-att relattiv.

Xehed li s-self ta` €75,000 akkumula fuq medda ta` circa tmien (8) xhur qabel sari l-kuntratt. F`temp ta` gimghatejn wara li sar l-ewwel kuntratt, silef lill-konvenuti s-somma ta` €20,000 f`pagament wiehed in kontanti. Ighid li sab il-kuragg li jislef dik is-somma ghaliex Herman Mizzi qallu li l-flus riedhom biex jibda negozju gewwa Wied il-Ghajn u minn dak in-negozju ikollu flus mnejn ihallsu lura s-self. Ghazel li jkompli jislef bit-tama li jiehu lura l-flus li kienu diga` mislufa.

Ikkonferma li minkejja li sar jaf li Herman Mizzi baqa` ma fetah ebda negozju, huwa rega` silfu s-somma ta` €58,000 wara biss ftit xhur. Il-flus ghaddew bicca bicca daqqa b`cheque u daqqa kontanti. Gieli silifhom flus anke darbtejn fil-gimgha. Xehed illi f`din l-okkazjoni Herman Mizzi qallu li kellu bzonn il-flus ghaliex hu u l-gharusa tieghu kienu ser jixtru appartament. Zied jghid illi addirittura stiednu sabiex imur jara l-appartament, haga din li ma sehhet qatt ghaliex Herman Mizzi kien dejjem igib xi skuza.

Sostna li huwa talab l-imghax meta l-intimati baqghu moruzi fil-pagamenti.

Zied jghid illi wara li kienet deciza l-kawza kriminali, Herman Mizzi baghat ighidlu sabiex jaslu fi ftehim dwar il-hlas u ppropona li

jhallas permezz ta` pagamenti ta` €50 fix-xahar. Dan ma kienx accettabbli ghall-attur minhabba l-entita` tal-ammonti li kienu dovuti.

**c) <u>Id-dokumenti</u>**

In sostenn tat-talbiet taghhom, l-atturi pprezentaw dokumenti sabiex isostnu l-pretensjoni taghhom.

L-attur ipprezenta lista ta` cheques u l-ammonti.

Ma kienux esebiti c-cheques. Lanqas ma kien prezentat statement tal-bank.

L-attur xehed li c-cheques hargu f`isem Herman Mizzi.

Ipprezenta kopja tal-mammiet tac-cheques.

L-ghadd tal-ammonti ndikati fic-cheques huwa ta` €53,444.

L-attur stqarr illi kiseb l-informazzjoni dwar kemm hargu cheques f`isem Herman Mizzi, kif ukoll kemm kienu l-ammonti, mill-statement, imbaghad qabbel dik l-informazzjoni mal-mamma tac-cheques li baqghet ghandu. Kull meta hareg cheque, kemm ic-cheque kif ukoll il-mamma kienu jinkitbu minn Herman Mizzi.

L-attur ipprezenta wkoll ricevuti miktuba bl-idejn.

Skont l-attur, il-bicca l-kbira tas-self inghata lil Herman Mizzi.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha illi gewipprezentati.

Fir-rigward tosserva hekk :-

Ricevuta bla data fejn Herman Mizzi jiddikjara li "*bejn il-perjodu ta` l-ewwel tas-sena 2007 sa April ta` 2008 issellift is-somma ta` €65,000 minghand Joe Galea.*" (fol. 369 tal-process)

**<u>4 ta` Gunju 2008</u>** –

l-ammont li deher misluf kien ta` €10,000, izda l-partijiet iddikjaraw li dak l-ammont kellu jigi mizjud ma` l-ammont ta` €65,000 li kien gie misluf precedentement u li dwaru kien sar ukoll att ta` kostituzzjoni ta` debitu. F`din ir-ricevuta jidhru l-firem ta` Joseph Galea u Herman Mizzi (fol. 369 tal-process)

Jidher ukoll illi fl-istess datata tal-**<u>4 ta` Gunju 2008</u>** hareg cheque ghal €4660.

L-attur spjega illi d-differenza bejn l-ammont tac-cheque u l-ammont indikat fir-ricevuta huwa dovut ghall-fatt illi s-self tal-flus ma jkunx sar f`daqqa. Ikun silef ammonti zghar, imbaghad jigbru s-somma globali f`ricevuta wahda.

**<u>17 ta` Gunju 2008</u>** –

Tirrizulta wkoll ricevuta datata 17 ta` Gunju 2009 ghall-ammont ta` €20,000 (a fol. 370 tal-process).

L-attur xehed li dawk l-€20,000 ma nghatawx f`salt lil Herman Mizzi. Ighid li sar self ta` diversi ammonti, u kull darba kienet issir

"*bicca karta*" dwar dawn l-ammonti. Meta s-somma akkumulat, saret ricevuta wahda li kienet tinkludi l-ammonti izghar li jew thallsu b`cheques jew f`kontanti.

Il-Qorti tinnota li waqt li fil-kontroezami li sar fl-udjenza tat-**<u>13 ta` Gunju 2019</u>** l-attur stqarr illi r-ricevuti globali kienu jinkludu sija ammonti mislufa f`kontanti u sija b`cheque, fil-kontroezami fl-udjenza tal-**<u>11 ta` Lulju 2019</u>**, l-attur biddel il-verzjoni.

Xehed hekk :-

"***Dr Fransina Abela***: *Issa meta ma kienx ikun hemm cekk mal-ircevuta, jaqbel mal-ircevuta x`kienet tkun ir-raguni?*

***Xhud***: *Meta kont naghmel cekk qatt ma ghamilna rcevuta anha dak ic-cekk ircevuta minnufih. Ic-cekk ircevuta minnufih.*

***Qorti***: *Igifieri meta inti kont taghmel cekk, ic-cekk kien ikun marbut mal-ircevuta jew l-ircevuti kont tohroghom meta kont ittihom cash?*

***Xhud***: *Hekk ehe.*

***Qorti***: *L-ircevuti cash biss kont tohroghom? Meta kont tohrog cekk kien ikun ricevuta c-cekk innifsu?*

***Xhud***: *Ehe.*

***Dr Fransina Abela***: *Issa lura b`din li ghedtilna jfisser li fl-istess gurnata inti kont taghtih cekk, ma kontx taghmel ricevuta ghax ic-cekk huwa ircevuta fih innifsu u kont taghtih kontanti u tal-kontanti kont taghmel ircevuta?*

***Xhud***: *Ehe mhux hekk.*

***Dr Fransina Abela***: *Fl-istess gurnata kont taghtih zewg affarijiet*."

Ricevuta ohra turi li kien hemm self fl-ammont ta` €58,600 fis-**<u>16 ta` Marzu 2009</u>**.

**Din hija <u>l-unika</u> ricevuta li turi li kien hemm self kemm lil Herman Mizzi kif ukoll lil John Mizzi.**

Fil-kontroezami, l-attur xehed illi kull meta marru ghand in-Nutar biex jaghmlu kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu, dejjem urew lin-Nutar l-ahhar ricevuta li tkun saret. Din ir-ricevuta turi s-somma li tigbor fiha l-ammonti li jkunu gew mislufa matul iz-zmien.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm kienu prezentati ricevuti tal-ammonti l-kbar illi mbaghad kienu, fi kliem l-attur "*imnaqqxa*" fil-kuntratti, ma gewx prezentati ricevuti ta` self ta` ammonti izghar li flimkien iwasslu ghall-ammonti ndikati fil-kuntratti. L-attur jilqa` ghal dan billi jghid illi fil-kors ta` garr minn dar ghal ohra, xi dokumenti kienu ntilfu jew addirittura kienu ghadhom fil-kaxxi li qeghdin jingarru.

Fil-kontroezami, l-attur xehed ukoll li kull fejn jirrizulta hrug ta` cheque f`ammont u ricevuta mahruga fl-istess jum f`ammont akbar, id-differenza kienet imputabbli ghall-fatt illi l-attur ikun silef ammonti ohra qabel, inkluz fi flus kontanti, qabel ma tohrog ir-ricevuta. Cahad li zamm imghax fuq dawk l-ammonti. Sahaq li l-imghax beda jiddekorri biss mid-dati tal-kuntratti.

Kuntratt iehor kien dak li sar fl-**<u>1 ta` Dicembru 2008</u>** ghall-ammont ta` €20,000. Hemm inkluz hlas ta` imghax bir-rata ta` 8% fis-sena b`effett mis-17 ta` Gunju 2008, id-data meta effettivament sar is-self.

Dan il-fatt **jikkontrasta** ma` dak li xehed l-attur.

L-attur xehed li l-uniku imghax li talab kien meta saru l-kuntratti fis-sens illi l-imghax kellu jiddekorri mid-dati tal-kuntratti.

Ghalhekk l-attur jikkontendi li dak li nkiteb fil-kuntratt tal-1 ta` Dicembru 2008 seta` kien hemm zball fid-data meta kellu jiskatta l-hlas tal-imghax.

**d) Il-pretensjoni attrici**

L-atturi fissru il-quantum tas-**sorte** pretiz fil-kawza tal-lum bil-mod li gej :-

**Mill-5 ta` Gunju 2008 sal-5 ta` Gunju 2018 :**

| | | |
|---|---|---|
| Kapital | : | €75,000 |
| Imghax @ 8% | : | €62,000 |
| **Total** | **:** | **€137,000** |

**Mis-17 ta` Gunju 2008 sas-17 ta` Gunju 2018 :**

| | | |
|---|---|---|
| Kapital | : | €20,000 |
| Imghax @ 8% | : | €16,533 |
| **Total** | **:** | **€36,533** |

**Mis-16 ta` Marzu 2009 sas-16 ta` Ottubru 2018 :**

| | | |
|---|---|---|
| Kapital | : | €58,600 |
| Imghax @ 8% | : | €44,926 |

**<u>Total</u>** **:** **<u>€103,526</u>**

Ghalhekk it-total pretiz mill-atturi huwa ta` **<u>€277,059</u>**.

L-atturi qeghdin jitolbu **<u>wkoll</u>** hlas ta` spejjez fl-ammont ta` **<u>€11,792</u>**.

**Ghalhekk il-pretensjoni attrici tlahhaq il-figura ta` <u>€288,851</u>**.

In kwantu jirrigwarda l-ispejjez, l-atturi qeghdin jinkludu fis-sorte ta` din il-kawza, kemm spejjez gudizzjarji kif ukoll spejjez extra-gudizzjarji.

Fejn si tratta ta` spejjez gudizzjarji, m`ghandha tinsorgi ebda kwistjoni billi tirrizulta taxxa ufficjali.

Fejn si tratta ta` spejjez extra gudizzjarji, l-atturi jaccettaw illi ghal raguni jew ohra l-ammonti reklamati mhux kollha koperti b`ricevuti.

**Dak li ma kienx konfermat b`ricevuta korrispondenti ghal ispiza mhux se jkun akkordat.**

**2. <u>Il-konvenut Herman Mizzi</u>**

**a) <u>L-ezami</u>**

Xehed illi meta kellu madwar 24 sena ghamel dejn ma` persuna (li ma kenitx identifikata). Dak iz-zmien kien bla impjieg, kien ghadu mmatur u l-kreditur dahaq bih. Minn hemm beda l-inkwiet tieghu.

Jixhed li beda jahdem bhala *salesman* mal-attur. Il-hlas tieghu kien fuq bazi ta` *commission*.

Stqarr illi gieli kien jircievi pagamenti minghand il-klijenti. Kien izomm il-flus ghalih biex ihallas lill-kreditur tieghu.

Wara xi zmien waqaf mill-impieg mal-attur.

Ftiehem mal-attur sabiex flus li kien ha minghand il-klijenti tal-attur, u li kienu tal-attur, kellu jroddhom lill-attur permezz ta` pagamenti mensili.

Stqarr illi talab lill-attur sabiex jisilfu aktar flus.

Talbu Lm1,000 u weghdu li kien ser jiehu self mill-bank u kif jinghata dan is-self kien ser ihallsu lura. Billi s-self tal-bank ma nghatax, ma kellux mnejn ihallas lill-attur.

Intant talab lir-rikorrent jisilfu Lm1,000 ohra.

Mizzi jghid illi Galea staqsih kemm kien ser jaghtih lura mill-flus mislufa.

Billi ma tahx risposta, l-attur qallu sabiex fuq is-somma ta` Lm 2,000 li kien silfu jaghtih lura Lm 6,000. Dwar dan is-self saret karta privata.

Xehed illi dak iz-zmien kien imsallab.

Billi ried il-flus kiteb dak kollu li kien ighidlu l-attur. Din l-istorja baqghet tirrepeti ruhha ghaliex baqa` jissellef il-flus minghand Galea. Kull darba li kien jissellef kienu jaghmlu karta ohra dwar pagament fl-ammont ta` tlett darbiet aktar mill-ammont misluf. Galea gieli silfu l-ammonti f`kontanti, izda fil-bicca l-kbira kien ighaddilu l-flus b`cheques tal-HSBC. Gieli hallas xi haga lura mill-ammonti mislufa.

Stqarr li kien hemm xi zewg okkazjonijet fejn ha mieghu lil huh John Mizzi meta mar biex jissellef flus minghand l-attur. F`okkazjoni minnhom Galea talab illi sabiex jislef il-flus John Mizzi ried iservi ta` garanti. Ried ukoll li jmorru ghand Nutar sabiex il-karti privati li kienu ghamlu dwar is-self jingabru f`dokument wiehed. Saru l-kuntratti biss meta huwa kien ikun moruz fil-pagament. Galea kien imur id-dar tieghu ghall-flus u hemm igieghlu jiffirma karta li tindika l-ammont dovut flimkien mal-imghax bir-rata ta` 5%.

Kompla stqarr illi fi Frar 2015 huwa baghat ghall-attur biex jippruvaw jiftehmu dwar il-pagamenti. Ippropona li jhallas lura €50 fix-xahar, wara xahrejn jibda jhallas €100, imbaghad jibda jhallas €200 fix-xahar. Galea xengel tnejn rasu qallu li li kien jaf li ma kellux mezzi biex ihallas u li kien ser ikellem avukat.

Xehed illi l-flus li tah Galea tahomlu b`self u ta` dan Mizzi kien jiffirma "*bicca karta*". Fil-karta kien jitnizzel ammont aktar gholi mill-kapital li kien ikun misluf. Sahaq li dak iz-zmien kien jinsab ghaddej minn zmien difficli f`hajtu, kien midjun ma` terzi u lil Galea rah bhala anglu li qieghed jghinu fis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Waqt li ammetta li huwa verament debitur ta` Galea, cahad li huwa debitur fl-ammonti ndikati minn Galea. Xehed illi l-ammont li ghandu jaghti lil Galea jammonta ghal madwar €50,000. Il-bqija tas-somma reklamata minn Galea kienet uzura.

Xehed ukoll illi meta marru ghand in-Nutara Mizzi qatt ma qalilha li l-ammonti mnizzla fl-atti ma kinux dawk realment mislufa. Dak iz-zmien ma kienx jaghti kas tal-karti.

Ma jiftakarx meta kienet l-ahhar darba li ssellef il-flus.

Qal illi meta waqaf is-self Galea kien imur kull xahar jitlob il-flus lura. Ghal kull pagament moruz kien japplika rata ta` imghax gholja, jnizzel l-ammont fuq karta, u jgeghlu jiffirma fuqha. Fil-bidu kien hallas madwar Lm 300 mill-ammonti mislufa biss imbaghad qatt ma hallas aktar.

**3. <u>Il-konvenuta Daniela Mizzi</u>**

Xehdet illi hija saret taf lil Herman Mizzi fl-2010. Izzewgu f`Dicembru 2014.

Stqarret li kienet taf li Herman Mizzi kellu xi dejn inkluz mal-attur. Hija qatt ma kienet prezenti meta sar kliem dwar flus ma` haddiehor.

Ikkonfermat illi fi Frar 2015 kienu marru l-atturi d-dar taghhom sabiex jitkellmu ma` zewgha dwar id-dejn li kellu maghhom. Zewgha ppropona li jhallas pagamenti fix-xahar ; jibda bil-hlas ta` €50 fix-xahar, li jitilghu ghal €100 fix-xahar sa ma jsirx €200 fix-xahar. L-attur ma accettax u l-atturi telqu.

**4. <u>Il-konvenut John Mizzi</u>**

Xehed illi huh Herman Mizzi kien jissellef il-flus minghand l-attur. Dan in-negozju kien isir f`garaxx li Galea ghandu Hal-Ghaxaq. Huh kien imur jitlob il-flus u Galea kien jaghtih l-ammont mitlub. Biss huh

kien jissellef Lm 2,000, l-attur kien jitolbu Lm 5,000 fuq l-ammont misluf biex b`hekk huh kien jikkommetti ruhu li jhallas lura s-somma ta` Lm 7,000. Dwar dan il-partijiet kienu jiffirmaw karta li dejjem kienet tinzamm mill-attur.

Spjega illi dak iz-zmien huh kellu problemi finanzjarji u ghalhekk kien jaccetta s-self minghand l-attur bil-kondizzjonijiet li dan kien jimponi. Il-hlasijiet li saru quddiemu dejjem ghaddew b`cheque.

Zied ighid li hu la qatt issellef flus minghand Galea u lanqas qatt iffirma xi karti anki ghaliex dak iz-zmien kien ghadu taht l-eta`. Madanakollu, darba minnhom l-attur qallu li sabiex ikompli jislef lil huh, ladarba huwa (u cioe` John Mizzi) kien beda jahdem, kellu jiffirma l-karti tas-self flimkien ma` huh u mal-attur. Marru ghand Nutar u kien iffirmat kuntratt anke minn John Mizzi. Qal li huwa kien taht l-impressjoni li kien qieghed jiffirma semplicement sabiex jghin lil huh u mhux ghaliex anke hu kien qieghed jissellef flus. Dan gara biss ftit tal-jiem wara li hu ghalaq it-18-il sena.

Xehed illi l-attur beda jigri warajhom ghall-pagamenti. Fuq kull pagament tard, kien japplika imghax ta` 5%. U kien igieghel lil huh biex jiffirma karta.

**4. <u>Joseph Saliba</u>**

**<u>Joseph Saliba</u>** minn Jobs Plus ipprezenta zewg dokumenti li juru l-employment history tal-atturi. Jirrizulta li l-attur dejjem kellu impjieg full-time mal-Gvern. Kellu wkoll impjieg part-time f`Galea Bazaar gewwa Hal-Ghaxaq u fi Twins Confectionery gewwa l-Fgura. Kwantu ghal Rita Galea jidher illi din kellha mpjiegi kemm full-time u kif ukoll part-time.

**5. <u>Nutar Dr Sandra Bugeja</u>**

Xehdet illi una volta li l-partijiet marru quddiemha u accettaw li l-ammont in kwistjoni kien dovut, ma kelliex ghalfejn tivverifika jekk l-ammont kienx tassew dovut.

Qalet li tnejn kienu l-okkazjonijiet fejn il-partijiet marru ghandha u ffirmaw kuntratt. Minn ebda parti ma kien hemm oggezzjoni ghal dak li tnizzel fl-att.

**6. <u>Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech</u>**

Xehdet illi saru zewg kuntratti. L-ewwel kuntratt kien bejn Joseph Galea u Herman Mizzi. It-tieni kuntratt kien bejn Joseph Galea, Herman Mizzi u John Mizzi. Meta saru l-kuntratti la ghaddew flus u lanqas ma saret referenza ghar-raguni ghaliex kien qieghed isir dak is-self. La darba l-partijiet qablu dwar l-ammont hi nizzlet dak l-ammont. Ziedet tghid illi l-atti gew iffirmati bil-buona volonta` tal-partijiet.

**VI. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

Qabel tmur ghall-apprezzament tal-provi li tressqu, il-Qorti sejra tirreferi ghal punti ta` dritt li ghandhom siwi fil-konsiderazzjoni tal-mertu ta` din il-kawza.

**1. <u>Kuntratt huwa ligi bejn il-kontraenti</u>**

Il-pattijiet li l-partijiet jaqblu u jiftehmu dwarhom f`kuntratt huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta ftehim isir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U meta l-ftehim isir skont il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor tal-partijiet.

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Beacon vs Spiteri Staines</u>"** jinghad hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Skont l-**<u>Art 993 tal-Kap 16</u>** – *Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.* (ara – "**<u>Depares noe vs O` Dea noe</u>" –** Appell - 25 ta` Gunju 1996).

## 2. ***<u>Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur</u>***

Skont l-**<u>Art 1002 tal-Kap 16</u>**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skont l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni (ara : Prim`Awla : "**<u>Sciberras Trigona vs Aneico</u>**" : 6 ta` Ottubru 1883 : "**<u>Spiteri vs Borg"</u>** – Prim`Awla - 30 ta` Novembru 2000 ; "**<u>Borg vs Xuereb</u>**" – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997 ; Qorti tal-Appell : "**<u>John Zammit et vs Michael Zammit Tabona et noe</u>**" : 28 ta` Frar 1997)

Fl-applikazzjoni tar-regoli tal-interpretazzjoni mhijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma dak li ghandu jghodd huwa l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta` kif gie uzat mill-kontraenti. Jekk ghall-gudikant id-dicitura wzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku, hu dan is-sens li ghandu jfisser il-volonta` espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami.

Il-Qorti tishaq illi fejn il-konvenzjoni tirrizulta cara u mill-volonta tal-kontraenti liberament espressa, tirrizulta inekwivoka, mhux lecitu ghall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha motivazzjoni

ulterjuri li la tirrizulta mid-dicitura tal-ftehim u lanqas minn cirkostanzi ohra. Ghalhekk fejn is-sinjifikat tal-konvenzjoni jkun car u fejn il-fatti li jkunu wasslu ghal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoggux fid-dubju l-volonta tal-kontraenti ma jkunx lecitu ghall-gudikant illi jaghti lil dik l-iskrittura sinjifikat divers minn dak liberament espress mill-kontraenti ghaliex il-principju tad-dritt huwa : *in claris non fit interpretatio*.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza "**Morana vs Spiteri et**", il-Qorti tal-Appell filwaqt li kkonfermat li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub, sostniet li din mhijiex regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt.

Imbaghad il-Qorti kompliet hekk –

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali ...*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l- provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car ...*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att ...*

*4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali ...*

**3. Konflitt ta` provi**

Waqt li kien qed isir il-gbir tal-provi, il-Qorti setghet tikkostata li dwar aspetti mportanti tal-vertenza kien hemm konflitt ta` provi.

Jinsorgi l-kwesit :

Kif ghandha ggib ruhha l-Qorti meta tkun rinfaccjata b`konflitt ta` verzjonijiet li xi drabi jkunu dijamettrikalment opposti ta` kif svolgew il-fatti ?

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **<u>Xuereb et vs Gauci et</u>** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" – Prim`Awla - 30 ta` Ottubru 2003 ; "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**" – Prim`Awla – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**" – Prim`Awla - 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" inghad hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-*

*obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** inghad :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-*

*konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

## 4. <u>Risultanzi</u>

Fil-kaz tal-lum kienet ordnata l-inverzjoni tal-provi in vista tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti ahwa Mizzi.

Il-konvenuta Daniela Mizzi baqghet kontumaci. B`daqshekk ma jfissirx li kien hemm ammissjoni da parti taghha tat-talbiet attrici, anzi bil-kontumacja taghha, il-konvenuta Daniela Mizzi kkontestat it-talbiet attrici.

**Il-Qorti sejra tibda billi tqis il-posizzjoni ta` Daniela Mizzi.**

Ghalkemm bhala regola mhuwiex permess li konvenut kontumaci jressaq provi, fil-kaz odjern Daniela Mizzi tressqet bhala xhud minn zewgha Herman Mizzi. Fil-fatt kien prezentat minn Herman Mizzi affidavit ta` martu Daniela Mizzi. Ma hemm l-ebda pregudizzjali legali li jzomm milli dan isir, tant li ma kien hemm l-ebda opposizzjoni min-naha tal-atturi. Inoltre l-atturi ma ghamlux kontroezami ta` Daniela Mizzi.

Dan premess, huwa bil-wisq evidenti li Daniela Mizzi mhijiex debitrici tal-atturi. Id-dejn li ghamel Herman Mizzi mal-attur kien kollu kemm hu risalenti ghaz-zmien meta Daniela Mizzi lanqas kienet ghadha taf lil dak li wara sar zewgha. Infatti mhijiex kontestata mill-atturi l-prova li Daniela Mizzi saret taf lil Herman Mizzi fl-2010, kif lanqas ma huwa kontestat mill-atturi li l-konjugi Mizzi zzewwgu f`Dicembru 2014. Barra minn dan kollu mkien ma kien ippruvat li Daniela Mizzi ghamlet tajjeb b`xi mod ghad-dejn li kien kontrattat minn zewgha qabel iz-zwieg taghhom.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad fl-intier taghhom it-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenuta Daniela Mizzi.**

**Nigu issa ghall-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi.**

Fis-sostanza, l-eccezzjonijiet kienu fis-sens illi l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv minhabba uzura, kif ukoll li l-pretensjonijiet attrici kienu mtebba` b`kawza llecita.

Filwaqt li mhux jichad li huwa debitur tar-rikorrenti, Herman Mizzi jghid illi l-ammont komplessivament misluf jammonta ghal madwar €50,000 ghaliex il-bqija tal-ammont pretiz mill-atturi huwa mghax.

Ricevuta qatt ma zamm.

Il-provi tal-ahwa Mizzi huma koncentrati fuq dak li xehdu u cioe` li kull meta l-attur kien jislef kienet issir ricevuta f`ammont akbar mill-kapital li attwalment kien ighaddi.

L-attur jikkontesta li l-fatti kienu kif prezentati mill-konvenuti, ghaliex isostni li l-flus li ghadda minn zmien ghal zmien lill-konvenuti, specjalment lil Herman Mizzi, kien kollu kapital, u li l-imghax beda jiddekorri mid-dati li jidhru fil-kuntratti pubblici ta` kostituzzjoni ta` debitu.

Mir-ricevuti li pprezentaw l-atturi, mil-lista u mill-mammiet tac-cheques, jirrizultaw inkongruenzi.

Hemm numru ta` ricevuti u cheques mahruga fl-istess jum, bl-ammonti ma jikkorrispondux.

L-attur xehed li dan kien dovut ghall-fatt li ghac-cheques qatt ma harget ricevuta peress illi l-attur iqis cheque bhala ricevuta.

Ighid l-attur li r-ricevuti hargu biss ghall-ammonti mislufa in kontanti.

Jaccetta li gieli silef lil Herman Mizzi flus kontanti u gieli flus koperti b`cheque.

Din l-affermazzjoni tidher kontradizzjoni fis-sens illi minn naha wahda l-attur ighid li kien johrog ricevuta wahda li tinkorpora self kemm ta` kontanti kif ukoll cheques, u min-naha l-ohra jghid li r-ricevuta kienet tohrog biss ghall-kontanti.

Skont il-kuntratti tal-5 ta` Gunju 2008, tal-1 ta` Dicembru 2008, u tas-16 ta` Marzu 2009, is-somma kapitali mislufa tidher li kienet fl-ammont ta` €153,600.

Oltre l-kuntratti, l-attur ipproduca wkoll tlett ricevuti li jixhdu l-istess ammonti riflessi fil-kuntratti.

Skont l-attur, matul iz-zmien kienu mislufa ammonti zghar li meta hu kien jidhirlu li jkunu telghu ghal ammont sostanzjali kienu jingabru f`ricevuta wahda. Tajjeb jinghad li l-attur xehed li m`ghandux kopja ta` kull ammont zghir li silef.

Minn ezami tat-tlett kuntratti, il-Qorti tosserva illi waqt li fil-kuntratti tal-5 ta` Gunju 2008 u tas-16 ta` Marzu 2009 l-imghax kien indikat bhala dovut mid-data tal-att, fuq l-att tal-1 ta` Dicembru 2008 l-imghax tnizzel bhala dovut b`effett mis-17 ta` Gunju 2008, id-data meta effettivament sar is-self.

Dwar il-kuntratt tal-1 ta` Dicembru 2008, l-attur xehed illi jista` jaghti l-kaz li kienet indikata data hazina dwar minn meta kellu jiddekorri l-imghax. Imma jekk dik hija l-ispjegazzjoni, ghaliex ma sarx att korrettorju sabiex anke l-kuntratt tal-1 ta` Dicembru 2008 ikun jirrifletti dak li, skont l-attur, tassew kienu ftehmu l-partijiet ? Inkella jkun ifisser illi dak il-kuntratt qed juri patt li ma ma kienx isir mill-kontraenti. Il-Qorti sejra taghti tipprovdi dwar dan fil-parti decizorja ta` din is-sentenza.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Jannar 2004 fil-kawza "**Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott**" fejn inghad hekk –

*Huwa pacifikament akkolt illi "fil-kaz ta` uzura gie dejjem ritenut li l-obbligazzjoni hija illecita ghall-mutwant, ghaliex il-vjolazzjoni tad-divjet tal-ligi hija maghmula unikament a favur tieghu u kontra l-interessi tad-debitur, li hafna drabi, jekk mhux dejjem, ikollu joqghod kontra l-volonta` tieghu" (Vol.* ***XXX P I p 103) ;***

*Ifisser ghalhekk li "kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistghu jivvantaw biex il-kreditur jasal ghal fini tieghu li jiehu imghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi huwa null" ("**Neg. Lewis Formosa -vs- Antonio Gatt"**, Qorti tal-Kummerc, 20 ta` Novembru 1934 ;* ***Kollez. Vol. XV pagna 583*** *; u* ***Vol. XVI PII p246)****"*

In vista ta` dak li diga` rrilevat (*supra)* dwar il-principju *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*, il-miktub jibqghalu piz determinanti sakemm dak il-miktub ma jigix fix-xejn bi provi univoci u konklussivi, provi dawn li fil-kaz tal-lum jispettaw lill-konvenuti.

Kien eccepit mill-konvenuti illi oltre li l-kuntratti huma bbazati fuq kawza illecita` lanqas il-kunsens taghhom ma huwa validu ghaliex l-attur ha vantagg mill-qaghda finanzjarja prekarja ta` Herman Mizzi, u b`theddid, sabiex jisilfu l-flus, l-attur nizzel fuq ir-ricevuti l-ammonti li ried hu anke jekk dawk l-ammonti ma kienux il-kapital misluf.

**Il-Qorti tirrileva li ghajr ghal xi accenn `l hemm u `l hawn ma saret l-ebda prova <u>determinanti u konklussiva</u> mill-konvenuti ahwa Mizzi li tipprova l-eccezzjonijiet taghhom.**

**Ghal din il-konkluzjoni, il-Qorti ssib sostenn u konfort f`li gej :-**

**a) <u>Vjolenza</u>**

L-**<u>Art 978 tal-Kap 16</u>** jaqra hekk :-

*(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna raġonevoli u ġġeghilha tibża` li hija nfisha jew hwejjiġha jistghu jiġu mqieghda ghal xejn b`xejn f`perikolu ta` hsara kbira.*

*(2) F`dawn il-każijiet, ghandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.*

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Novembru 2004 fil-kawza "**<u>Avallone vs Agius</u>**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Dan premess jifdal x`jigi konsiderat l-aggravju ta` l-appellanti dwar l-allegata vjolenza perpetrata fuqha mill-attur fl-okkazjoni ta` meta hi kitbet u ffirmat id-dikjarazzjoni li permezz taghha rrikonoxxiet is-self lilha maghmul. B`dan l-aggravju, bazat kif inhu fuq it-tieni eccezzjoni taghha, l-appellanti qeghda tivvanta li dak id-dokument ma ghandu l-ebda forza vinkolanti ghax vizzjat minn effetti tal-vjolenza adoperata. B`din id-deduzzjoni l-appellanti tapporta s-sitwazzjoni taghha ghal dak stabbilit fl-Artikolu 974 tal-Kodici Civili, u cjoe, "jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b`ghemil doluz, ma jkunx jiswa." Dan kif ulterjorment amplifikat fl- Artikolu 978 tal-Kapitolu 16.*

*Vjolenza din illi, jekk provata, iggib in-nullita` tal-konvenzjoni maghmula. Dan minhabba l-inezistenza assoluta tal-kunsens; Anke hawn pero` jinsab precizat illi "il-kwestjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija interament fil-prudenza tal-gudikant" (Kollez. Vol. XXIX P II p 749)".*

Fis-sentenza li tat fil-25 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Busuttil noe vs Zahra**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk –

*"Skont il-gurisprudenza lokali, "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza` li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti" – "**Aquilina vs Ganado**", deciza mill-Onorabbli Qorti ta` l- Appell fis-16 ta` Gunju, 1995. Din il-Qorti fil-kawza "**Grech vs Farrugia**" deciza fit-3 ta` Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b`mod li tnehhi l-bargaining power li jista` jkollu kontraent fuq iehor. Fil-fatt, f`dik il-kawza, il-kontraent kreditur, rinfaccjat b`talba mid-debitur li jixtri flat li sa dak iz-zmien kellu taht idejh b`kera li kienet se tiskadi, indika bic-car li ma riedx jikkontempla dak il-bejgh*

*jekk id-debitur ma jirrikonoxxix id-dejn li kellu fuq skrittura. Din il-Qorti osservat li l-firma tal-konvenut debitur fuq l-iskrittura ma` tista` qatt tigi annullata fuq bazi ta` vjolenza … Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**Camilleri vs Vella**", deciza fid-9 ta` Gunju, 2003, l-istat ta` ansjeta u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizzjat, ghax fin-nuqqas ta` prova ta` theddieda ta` vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x`inhu jaghmel, il-kuntratt m`ghandux jithassar."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta`

Marzu 2003 fil-kawza "**Farrugia vs Farrugia**" inghad hekk –

*"Illi l-kawza odjerna hi bbazata fuq l-artikolu 974 sal-981 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta. L-attur, di fatti, qed isostni li l-kunsens tieghu ghall-kuntratt tas-separazzjoni gie mehud bi vjolenza, b`ghemil doluz u gie moghti bi zball.*

*Illi kif inghad fis-sentenza "**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" (A.J.M. 10 ta` Marzu 1997 – Vol XXXI.III.44), il-"kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cjoe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita". Illi ghalhekk il-kunsens ta` l-obbligat huwa element essenzjali ghall-ezistenza ta` obbligazzjoni. Illi skond l-artikolu 974 tal-Kap 16 jinghad li:- "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b`ghemil doluz, ma jkunx jiswa".*

*(A) BI VJOLENZA*

*Illi l-artikolu 978 (1) ighid hekk: "Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza` li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b`xejn f`perikolu ta` hsara kbira".*

*(2) F`dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna".*

*Illi fil-kaz "**Edgar G Soler noe vs H. H. Sir David Campbell noe**" (Vol XXXIII.II.431) inghad:- "Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta` nullita` tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta` tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f`vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu pero` necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt;*

*jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annullat minhabba l-vjolenza jehtieg li l-kunsens ta` wahda mill-partijiet ikun gie estratt bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta` vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta` vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divers. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta` forza nsormontabbli ghal dak li jkun ta l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista` tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta` persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens".*

*Illi wkoll fis-sentenza "**Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo**" (Vol XXIX.II.749) intqal is-segwenti:- "Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza` li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... ... Il- kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-gudikant". Illi fid-decizjoni tal- Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et**" (16 ta` Gunju 1995 – Vol LXXIX.II.561) gie sostnut li:- "Hu car pero` illi l-ezercizzju ta` dritt jew anke l-pretenzjoni ta` dritt kontra terz fl-ambitu ta` proceduri gudizzjarji bl`ebda mod ma jista` jitqies bhala element kostituttiv ta` vjolenza morali fit-termini tal-ligi. **Fejn dak id-dritt jezisti ...... il-kreditur kien pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitur ma jistax javvanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta` l-ezercizzju ta` dak id-dritt kien tant serju li seta` jigi kkwalifikat bhala xi forma ta` vjolenza morali fuqu".***

Fis-sentenza li tat fit-12 ta` Dicembru 2002 fil-kawza "**Calleja vs Buttigieg**" il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri issottolineat illi –

*"Issa f`termini legali biex dan it-"theddid" jew "pressjoni" jista` jwassal ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li dan jahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghla tibza` li hija*

*innifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b`xejn f`perikolu ta` hsara kbira (Art 978 (1) Kodici Civili). Jinghad illi biex dan jissucciedi t-theddid li jivvizzja l-kunsens irid ikun determinanti, ingust u gravi ("**Emmanuel Falzon –vs- Anthony Farrugia**, Appell, 21 ta` April 1997). Minn dak rakkontat mill-appellanti ma jirrizultax illi l-kondizzjoni mentali taghha meta ffirmat kien talment agitat minn xi "grave lesione dell`integrita fisica e morale" (Vol XXIX pII p749), "ingiusta ed illegittima" (Vol XXVIII pIII p878). Fir-realta` hi baqghet inattiva ghall-ahhar. Dan isib spjega ukoll pjuttost fl-impressjoni ta` dak ravvisat fis-sentenza,"**Giuseppe Tirchett et –vs- Giorgio Mangion**", Appell Civili, 22 ta` Mejju 1931, u cjoe li "in quel momento fu libero di scegliere quell`atto od uno diverso, ma solo scelse quello per contentare … o per vivere in pace e non avere dei contrasti.."*

(ara wkoll – "**Aquilina vs Farrugia noe**" : Prim`Awla : 22 ta` Mejju 2001 ; u "**Eurobridge Shipping Services Limited vs Scicluna**" : Prim`Awla : 30 ta` April 2001)

Tenut kont tal-assjem tal-provi, kif debitament meqjusa fl-isfond tal-insenjamenti gurisprudenzjali fuq citati u ohrajn, il-Qorti ssib li l-konvenuti ahwa Mizzi ma ghamlux il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi meta sar il-ftehim ta` kostituzzjoni ta` debitu, il-kunsens taghhom kien ivvizzjat bi vjolenza jew biza`. Meta ffirmaw kienu ben konxji li kien hemm dak id-debitu u li l-ftehim kien jittratta propju dak id-debitu.

Il-Qorti tifhem li seta` kien hemm certa ansjeta` fl-ahwa Mizzi fiz-zmien meta ffirmaw il-ftehim bhala effett tal-inkwiet li gab mieghu d-dissest finanzjarju taghhom pero` dak b`ebda mod ma jfisser li l-kunsens taghhom kien ivvizzjat ; u wisq anqas ma ghamlu prova konvincenti li hekk kien il-kaz.

**b) Kawza Illecita`**

L-**<u>Art 987 tal-Kap 16</u>** jaqra hekk –

*L-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m`ghandha ebda effett.*

L-**<u>Art 990 tal-Kap 16</u>** ighid –

*Il-kawza hija illecita meta hija pprojbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku.*

Fis-sentenza li tat fil-31 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Brian Richard Andrews et vs Alfred Borg</u>**", din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

*Ighid Laurent (Vol.XXVII Para.402) –*

*"Quando il fatto e` illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione ; e` una obbligazione fondata su causa illecita, poiche` la causa si confonde con l` oggetto dei contratti ; e quando la causa e` illecita l` obbligazione e` inesistente e non puo` avere alcun effetto"*

Fis-sentenza li tat fit-13 ta` Gunju 2013 fil-kawza "**<u>Charles Bartolo vs Victor Chetcuti</u>**" din il-Qorti diversament presjeduta rrilevat :–

*Il-qrati taghna dejjem irritenew li n-nullita` ta` kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista` tigi dedotta per via d`eccezzjoni u mhux mehtieg li, tigi dedotta b`azzjoni, u dana meta dik in-nullita` hija espressament stabbilita mil-ligi. Il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "Elena Agius vs Giuseppe Ciancio" - deciza fit-3 ta` Frar 1936 hekk esprimiet ruhha :-*

*"Il-kelma nullita` hija uzata fix-xjenza guridika f`zewg sensi, wiehed fis-sens proprju ta` "inezistenza", jigifieri kuntratt null ma jkunx jezisti u qiesu qatt ma sar, u l-iehor ta` "annullabilita"`, jigifieri meta l-kuntratt jew att iehor jista` jezisti u jibqa` jsehh sakemm ma jigix imhassar u mwaqqa` ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi. Il- gurisprudenza ta` dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta` nullita`, il-konvenut f`kawza jista` jqajjimha b`eccezzjoni, izda jekk hija wahda ta` annullabilita` hu ma jistax igibha `l quddiem hlief b`kawza separata `ad hoc`." Difatti huwa pacifiku li din in-nullita` tista` anke tigi sollevata mill-Qorti ex ufficio. (Pace et vs Agius et Vol XLID.p.684)*

*Illi kif diversi drabi gie deciz minn din il-Qorti u mill-Qorti ta` l-Appell (ara ad es. sentenzi "Reman -vs-Papa" -21 ta` Marzu 1933 ; "Portanier -vs Overend" -14 ta` Dicembru 1934; u "Smith -vs-Lawrence" - Qorti tal-Appell tal-15 ta` Mejju 1931) "jekk il-kawza tal-hlas tal-flus jew tal-oggetti ghandha rapport dirett mal-konkubinat (...) allura l-obbligazzjoni hija nulla ; jekk il-flus gew mislufa fi zmien il-konkubinat, imma bhala negozju indipendenti, allura huwa validu. Pero`, kif il-gurisprudenza taghna kemm estera, u d-dottrina wkoll dejjem irriteniet, dina hija kwistjoni unikament ta` fatt illi ghandha tkun ezaminata minghand il-gudikant f`kull kaz specifiku skont ic-cirkustanzi ta` dak il-kaz, ghaliex f`materja hekk delikata dawn ic-cirkustanzi jistghu jkollhom importanza deciziva fil-kwistjoni. Hekk f`din il-materja l-Venzi (Diritto Civile, No. 423) jghid :-*

*"In generale la causa e` illecita quando e` contraria alla legge, al buon costume, all`ordine pubblico, quando cio` si verifichi nei singoli casi e` rimesso al prudente apprezzamento del giudice."*

*X`jigri jekk wiehed biss mill-partijiet ikun konsapevoli tal-illegalita` jew immoralita` ?*

*Id-duttrina tiddistingwi bejn il-kaz fejn l-illegalita` jew immoralita` hija unilaterali u fejn hija bilaterali. Jekk iz-zewg*

*partijiet huma konsapevoli, allura japplika il-principju in pari causa turpitudinis melior est condicio possidentis : nemo auditur propriam turpitudinem alligans. Ghaldaqstant hija negata l-azzjoni liz-zewg partijiet mentri fejn l-immoralita` jew l-illegalita` hija biss ta` min jircievi l-flus (l-accipiens), u allura min qed jaghti il-flus huwa innocenti, r-restituzzjoni hija ammessa. Dan il-princjipju hu addottat mill-legislatur taghna fl- artikolu 991 tal-Kap 16.*

*Jekk jirrizulta ippruvat li s-somma mitluba hija konnessa mal-loghob tal-azzard, jew tirrizulta minn obbligazzjoni li titqies li hija nulla skont il-Ligi, ma jiswix li l-kreditur isostni li d-debitur ammetta id-dejn, jew li hallas permezz ta` cekkijiet ghaliex xorta japplikaw ir-regoli hawn fuq citati."*

Huwa manifest illi l-oggett ta` l-atti ta` l-kostituzzjoni ta` debitu kien self ta` flus li l-konvenut Herman Mizzi jidher li uza principalment sabiex ihallas id-dejn illi kellu ma` terzi.

Il-Qorti ssib illi hemm hafna x`jinghad dwar dan is-self partikolarment kif diga` nghad ghall-mod ta` kif kienu jinzammu r-rendikonti tad-dovut u l-fatt li f`jum wiehed ir-rikorrent gieli silef kemm somma kontanti kif ukoll somma b`cheque.

Huwa wkoll ta` thassib il-fatt illi l-attur baqa` jislef minkejja li messu kien evidenti ghalih li Herman Mizzi kien qed jeghreq.

Anke jekk l-attur xehed illi baqa` jislef il-flus ghaliex thassar lill-intimati u ghaliex ried jghinhom billi kien iqishom bhala uliedu, il-Qorti tirrimarka li ebda genitur – dehen tal-isem – ma jislef flus lil persuni li jqis daqs li kieku kienu wliedu, imbaghad jghabbihom b`imghax.

Ir-riferenza ghall-ulied ma gietx mill-qorti izda tlissnet mill-attur stess meta kien qed jixhed.

Min jippretendi li jagixxi ta` genitur responsabbli, u jkun mitlub sabiex jibqa` jislef il-flus, minghajr raguni li taghmel sens, ghandu jieqaf u jindaga sabiex ma jkunx komplici fil-gwaj illi dawk il-persuni li jkun qeghdin jissellfu minghandu jkunu dehlin fih.

Ma jirrizultax li l-attur qatt waqaf biex jara x`kien qieghed jigri.

Hu stess jaccetta li Herman Mizzi dejjem kien igiblu xi skuza jew ohra ghaliex kellu bzonn il-flus u r-rikorrent dejjem silfu minghajr esitazzjoni.

Minkejja l-perplessita` taghha dwar il-kondotta tal-attur, jibqa` l-fatt illi l-konvenuti ma sehhilhomx jiskarikaw il-piz tal-prova in sostenn tal-ecce4zzjonijiet taghhom.

Bit-tielet (3) eccezzjoni Herman Mizzi jattakka wkoll il-validita` tal-kuntratti abbazi ta`zball ta` fatt ghaliex ighid li l-ammonti li ssellef huma bil-wisq inqas minn dawk indikati.

Imbaghad l-istess Herman Mizzi, bil-hames (5) eccezzjoni, u huh John Mizzi bil-hames (5) u bis-sitt (6) eccezzjonijiet, ighidu li l-ammonti reklamati huma eccessivi. Jallegaw illi s-self kien f`ammonti ferm izghar minn dak pretiz mill-atturi, bid-diskrepanza tkun uzura.

Eppure jibqa` l-fatt li l-intimati ma gabux prova sal-grad rikjest mil-ligi tal-allegazzjonijiet taghhom. Mill-provi rrizulta li l-konvenut Herman Mizzi kien konsenzjenti ta` l-ammonti li kienu qeghdin jitnizzlu fir-ricevuti, tant li kiteb l-ammonti huwa stess. Anke meta saru l-kuntratti, kemm meta deher Herman Mizzi wahdu, u kif ukoll meta deher anke John Mizzi, ma jirrizultax li kien hemm diffikulta` min-naha tal-konvenuti.

Ix-xiehda ta` z-zewg Nutara hija ndikattiva tal-komportament tal-konvenuti ahwa Mizzi. In-Nutara kkonfermaw bil-gurament taghhom li qatt ma tnissel fihom suspett li kien hemm xi rregolarita` jew illecitu` fil-kuntratti li kienu mitluba jippubblikaw.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm fix-xiehda tieghu Herman Mizzi jghid li huwa debitur fl-ammont ta` *madwar* €50,000, fis-sentenza li nghatat fit-2 ta` Dicembru 2014 fil-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu u kontra huh wara kwerela tal-attur, jirrizulta li f`dak il-procediment **<u>Herman Mizzi accetta</u>** li huwa debitur ta` l-attur fl-ammont ta` €153,000 [ara pag 13 tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Herman Mizzi et</u>**]

**Premess dan kollu, il-Qorti tafferma li hija obbligata tiddeciedi fuq il-provi.**

**Jista` jkollha thassib kemm trid, izda <u>ma tistax u m`ghandhiex</u> taghti decizjoni motivata biss fuq thassib, perplessita` jew addirittura *gut feeling* dwar il-komportament tal-persuni.**

**Tghid hekk ghaliex tant tista` tkun svarjata l-imgieba ta` persuna li tista` twassal ghal direzzjonijiet li xi drabi ma jkunux jaghmlu sens.**

**Eppure l-Qorti trid taghti decizjoni dwar fatti ppruvati, abbazi ta` principji tad-dritt li kienu trattati *in extenso* aktar kmieni.**

**Maghdud ma` dan kollu hemm ukoll il-fatt illi l-konvenuti mhux biss ma ressqux kontrotalba sabiex jitolbu t-thassir tal-kuntratti minhabba vizzji tal-kunsens, izda lanqas ikkontestaw**

**il-kuntratti jew l-ammonti pretizi minnhom imqar b`att gudizzjarju.**

**L-eccezzjonijiet tal-konvenut Herman Mizzi qeghdin ikunu respinti kollha.**

**In kwantu jirrigwarda l-konvenut John Mizzi l-eccezzjonijiet tieghu bin-numru wiehed (1), tnejn (2), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) imressqa qeghdin jigu respinti wkoll.**

**Dwar it-tielet (3) eccezzjoni tal-istess John Mizzi, fejn eccepixxa illi hu *"qatt ma ssellef ebda ammont minghand l-attur"* il-Qorti tghid li l-provi juru xort`ohra.**

**Infatti John Mizzi jirrizulta li huwa debitur tal-atturi skont il-kuntratti tal-5 ta` Gunju 2008 u tas-16 ta` Marzu 2009.**

**Ghad-dejn li jidher fil-kuntratt tal-1 ta` Dicembru 2008, il-konvenut John Mizzi m`ghandux igorr responsabbilita` ghall-hlas tal-ammonti hemm indikati ghaliex ma jirrizultax li huwa debitur.**

**Il-Qorti tosserva li fl-atti fejn l-ahwa Herman u John ahwa Mizzi jirrizulta li huma debituri lejn l-atturi, ma hemmx indikazzjoni ta` jekk l-ahwa Mizzi humiex debituri ndaqs. Fl-istess waqt ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar li t-tnejn huma ndikati bhala debituri tal-attur mhux biss ghall-kapital izda wkoll ghall-imghax.**

**<u>Minhabba l-mod kif kienet dedotta</u>, it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut John Mizzi qeghda tkun michuda wkoll.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad it-talbiet tal-atturi kif dedotti kontra l-konvenuta Daniela Mizzi.**

**Tipprovdi dwar it-talbiet tal-atturi kif dedotti kontra l-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi, wara li qieset l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti ahwa Mizzi billi :-**

**Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma kredituri tal-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi fl-ammont ta` hamsa u sebghin elf Ewro (€75,000) bl-imghax ta` tmienja (8%) fis-sena b`effett mill-5 ta` Gunju 2008 sad-data tal-pagament effettiv. Ghalhekk tikkundanna lill-istess konvenuti Herman u John ahwa Mizzi sabiex ihallsu lill-atturi dan l-ammont kapitali bl-imghax hekk kif specifikati.**

**Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma kredituri tal-konvenut Herman Mizzi fl-ammont ta` ghoxrin elf Ewro (€20,000) bl-imghax ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-1 ta` Dicembru 2008 sad-data tal-effettiv pagament. Ghalhekk tikkundanna lill-konvenut Herman Mizzi sabiex ihallas lill-atturi dan l-ammont kapitali bl-imghax hekk kif specifikati.**

**Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi huma kredituri tal-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi fl-ammont ta` tmienja u hamsin elf u sitt mitt Ewro (€58,600) bl-imghax ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mis-16 ta` Marzu 2009 sad-data**

**tal-effettiv pagament. Ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti Herman u John ahwa Mizzi sabiex ihallsu lill-atturi dan l-ammont kapitali bl-imghax hekk kif specifikati.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**